# Ġimgħa Mqaddsa 2011



**Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851**

# Citadel ecopak



Citadel is the first local insurance company to reward you for safeguarding our environment. Benefit from discounts on your home and/or private car insurance with Citadel **ecopak**

- if your car is classified as 'GREEN' or HYBRID with low $CO_2$ emissions, or is an ELECTRIC car,
- if you have a SOLAR WATER HEATER or a PV SYSTEM installed at HOME.

Call us now on **Freephone 8007 2322** and benefit from discounts on our Citadel **ecopak** or log on to www.Citadeldirect.com for more details.

(Terms and conditions apply)

Citadel insurance

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082 • Tel: 2557 9000 • E-mail: info@citadelplc.com • www.citadeldirect.com

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the Malta Financial Services Authority

# Il-Banda San Filep

## 160 sena ta' ħidma kontinwa

Philip Balzan

Din is-sena l-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ b'daqq ta' marċi funebri. Sentejn ilu l-Banda San Filep akkumpanjat din il-purċissjoni bil-bandalora (għall-ewwel darba f'Ħaż-Żebbuġ) bi żjieda mal-istandard imkebbeb fil-filoxx iswed.

Għal erbgħin sena sħaħ, mill-1852 'l-quddiem, il-Banda San Filep kienet l-unika banda li akkumpanjat il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ. Imbagħad fl-1892 il-Banda De Rohan talbet li tibda tieħu sehem ukoll. Sar qbil li ż-żewġ baned Żebbuġin jibdew jalternaw.

Saret polza u x-xorti misset lill-Banda San Filep li tibda s-sistema tal-alternanza. Il-Banda San Filep allura bdiet iddoqq fis-snin biż-żewġ. Din inbidlet wara waqfien li kien hemm matul it-Tieni Gwerra Dinjija u mill-1943 il-Banda San Filep bdiet iddoqq fis-snin bil-fart.

Il-Banda San Filep għandha għeruq fondi u sodi – u dan mhux biss għax hi l-eqdem banda fil-Gżejjer Maltin. Tul 160 sena ta' ħajja u ħidma kontinwi offriet tagħlim mużikali bla ħlas, silfet strumenti mużikali lil bandisti tagħha, għamlet mijiet ta' marċi u programmi mużikali f'Ħaż-Żebbuġ u mijiet aktar kważi fil-bliet kollha Maltin. L-Għaqda ta' din il-banda organizzat l-armar tat-toroq u n-nar tal-art u tal-ajru għall-festa ta' San Filep u ħadet sehem kbir fil-ħajja soċjali u kulturali ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll fuq livell nazzjonali. Hekk biex insemmu ftit eżempji:

- bejn l-1860 u l-1864 l-Għaqda tal-*Banda San Filippo* għenet ħafna fil-ġbir ta' flus għall-istatwa tal-fidda ta' San Filep

Ikompli f'paġna 4

Il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep din is-sena inawgurati mill-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja l-Onor. Dolores Cristina nhar l-Erbgħa 13 t'April, 2011.

Jibqgħu miftuħa għall-pubbliku sal-Ġimgħa l-Kbira 22 t'April.

**L-Għid it-Tajjeb lil kulħadd**

**Fil-qoxra:** Il-flaġellazzjoni ta' Ġesù, impittra fl-1880 mill-Franċiż William-Adolphe Bouguereau, pittur tradizzjonali li f'ħajtu kien popolari. Huwa twieled fit-30 ta' Novembru 1825 u miet fid-19 t'Awwissu 1905.

# Ftuħ tal-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa 2010 fil-Każin Banda San Filep




Parti mill-udjenza u l-banda fil-ftuħ fl-2010





it-tliet kelliema, mix-xellug għal-lemin, Vincent Zammit, Dun Karm Attard u Josef Cachia




Xena maħduma minn atturi tas-St. Philip's Pageant Group, u Dun Karm Attard jiftaħ uffiċjalment il-Wirjiet



Lemin: Dun Karm Attard ibierek il-wirja bi statwi kbar li juru d-difna ta' Ġesù. Din tinsab fix-xelter taħt il-Każin Banda San Filep



Dun Karm Attard ma' membri tal-Kummissjoni tal-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u mistednin.



Dun Karm ibierek tnejn mill-wirjiet kbar tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-2010 fil-Każin Banda San Filep AD1851,
iċ-Ċenaklu u l-Kruċifissjoni.







Dun Karm ibierek il-Via Sagra fix-xelter u s-sett ta' vari żgħar, żewġ taqsimiet oħra mis-sitt wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-2010 fil-Każin Banda San Filep AD1851

ikompli minn paġna 1

# Il-Banda San Filep – 160 sena ta' ħidma kontinwa....

- fl-1888 u fl-1896 daqqet ma' baned oħra f'marċijiet nazzjonali li saru mill-Furjana sal-Belt Valletta
- fl-1897 ipparteċipat fil-pellegrinaġġ kbir taż-Żebbuġin lejn Aġġira
- bejn l-1911 u l-1916 għenet fil-bini tan-navi tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ;
- sa mill-1921 kellha kamra tan-nar tagħha - is-St. Philip Fireworks Factory;
- fl-1924 iċċelebrat mal-parroċċa, il-200 sena mill-miġja tar-relikwa ta' San Filep minn Aġġira.
- fl-1932 daħħlet l-ewwel radju f'Ħaż-Żebbuġ - kien tat-tip *Vincent Kind Radio Philco*;
- fl-1937 tat sehem kbir fit-tfakkir tal-200 sena mit-twelid tal-eroj Malti Dun Mikiel Xerri.
- fl-1944 ippreżentat xabla tal-unur lill-Gvernatur ta' Malta, Lord John Gort f'isem l-Għaqdiet tal-Baned ta' Malta u Għawdex waqt programm mużikali mill-Banda San Filep;
- fl-1945 għamlet festin ad unur Mons. Karm Psaila fl-okkażjoni tal-għoti tad-Dottorat fil-Letteratura (Onoris Causa) mill-Università ta' Malta; u ħallset £395 lill-iskultur Francesco Saverju Sciortino għall-abbozz tal-panewijiet tal-bradella ta' San Filep;
- fl-1947 ikkommemorat il-100 sena mill-mewt tal-Isqof Franġisku Saverju Caruana, wieħed mill-mexxejja tal-Maltin fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi;
- bejn l-1956 u l-1979 kellha l-Mayfair Cinema, l-uniku f'Ħaż-Żebbuġ;
- mill-1994 'l hawn tellgħet kull sena sett ta' wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa;
- fl-1997 ħadet sehem attiv fil-ġemellaġġ bejn il-bliet ta' Aġġira u Ħaż-Żebbuġ u fakkret il-50 sena mill-mewt tal-iskultur Antonio Sciortino;
- fl-2001 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 sena tagħha l-Banda San Filep ħadet sehem fil-festival internazzjonali *Mandorlo in Fiore* f'Agrigento, Sqallija;
- fl-2007 tellgħet tliet rappreżentazzjonijiet tal-*musical* "Ir-Rebbieħ" fl-Istitut Kattoliku. Dan jittratta l-ħajja ta' San Filep u d-devozzjoni lejh f'Ħaż-Żebbuġ;
- fl-2008 għamlet simposju dwar Luigi Fontana, l-iskultur tal-istatwa tal-fidda ta' San Filep, f'għeluq il-100 sena minn mewtu. Inġabet mill-Italja l-istudjuża Marisa Calisti;
- Fl-2009 u fl-2010 tellgħet drammi tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù fil-misraħ ta' Ħaż-Żebbug;
- F'Jannar 2010 ikkommemorat lil Joe A. Grima, Żebbuġi fundatur tal-Moviment Qawmien Letterarju fis-snin sittin. Attendew għas-serata bosta persunaġġi midħla tal-letteratura u l-kultura Maltija;
- F'Novembru 2010 tellgħet l-ispettaklu "Jien Filippu" fis-Sala Parrokkjali Dun Mikiel Xerri. Dan kien dramm imżewwaq b'kant u żfin dwar San Filep;
- Fi Frar 2011 ikkommemorat il-50 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila li f'ħajtu kien President Onorarju ta' din l-Għaqda;

Dan huma biss uħud minn sensiela twila ta' ħidmiet tal-Għaqda b'risq il-kultura, b'risq il-poplu Żebbuġi u b'risq is-soċjetà Maltija.

# Is-St Philip's Pageant Group u r-Rappreżentazzjoni Ħajja tal-Passjoni

Brian Bonnici

**Sa mit-twaqqif tiegħu s-St Philip's Pageant Group (SPPG) dejjem ipprova jsib okkażjonijiet u perjodi matul is-sena li fihom jagħti ħajja permezz tad-drama lil xi ġrajja partikolari marbuta mal-istorja jew twemmin tagħna. Għalhekk kienet ħaġa naturali li minbarra fil-festi tal-Milied, li għalihom dan il-grupp ħa isem ma' Malta kollha, is-SPPG għażel li juri t-talenti tal-membri tiegħu fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira b'rappreżentazzjoni xi ftit differenti minn tas-soltu. L-idea ma kinitx li nikkompetu ma' xi grupp ieħor fir-raħal jew noffru xi ħaġa simili imma li nkunu differenti u oriġinali kemm nistgħu. Anzi min-naħa tagħna dejjem ikkoperajna ma' kull għaqda fir-raħal li tkun impenjata f'dawn il-ġranet.**

Bħalma jaf kulħadd, Ħaż-Żebbuġ huwa msemmi sew u mogħni b'talenti u b'kultura kbira marbuta maż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira, fosthom permezz tal-purċissjoni u l-vari, tal-wirjiet sbieħ u anke tal-programmi mużikali u letterarji b'rabta mal-Passjoni. Imma donnu aħna ż-Żebbuġin ma kellniex kollox u biex l-istampa tkun kompluta kien jonqos dik ix-xi ħaġa li fir-raħal tagħna qatt ma kienet saret qabel. Din kienet ir-rappreżentazzjoni ħajja tal-Passjoni fil-miftuħ. Għax għalkemm rappreżentazzjonijiet tal-Passjoni u d-drammi fis-Sala Parrokkjali ilhom isiru s-snin minn diversi gruppi, fil-pjazza qatt qabel ma kien sar xejn.... u hawn il-grupp ħass li seta' jagħti l-kontribut tiegħu u jimxi mal-ideal li għalih twaqqaf - dak li jkun oriġinali u joffri xi ħaġa differenti. U dan seħħ u rnexxa!

Ovvjament rappreżentazzjoni bħal din trid tħejjija bikrija, sa minn qabel il-festi tal-Milied, apparti li titlob spejjeż kbar l-aktar fejn jidħol, armar, vestwarju, *sound* u dawl. Dan wassal ukoll biex din l-attività saret bil-fondi tal-Pageant Group u b'għajnuna ta' xi benefatturi kif ukoll b'self ta' vestwarju u props. Kien għalhekk li l-udjenza numeruża li dejjem attendiet bi ħġarha qatt ma ntalbet ħlas. Imma minkejja dan, is-SPPG ma qatax qalbu u fl-aħħar sentejn saru żewg rappreżentazzjonijiet ta' livell tajjeb - fl-2009 bl-isem *Komplott il-Fidwa* u fit-30 ta' Marzu 2010 bl-isem *Fuq Triq l-Imsallab*, b'direzzjoni u addattament tal-iskript minn Brian Bonnici.

Għal madwar sagħtejn dawn iż-żewġ rappreżentazzjonijiet biddlu lil Misraħ San Filep fil-Ġnien tal-Ġetsemani, fis-Sinedriju, fil-Palazz ta' Pilatu u kif ukoll fil-Golgota, apparti li anke l-istess gallerija u l-faċċata tal-każin kellhom rwol importanti. Sa mill-ewwel rappreżentazzjoni kollox wera li l-attività kienet suċċess billi l-udjenza ġiet offruta xi ħaġa ġdida, fejn l-atturi u x-xeni inklużi xeni bi żwiemel saru qalb

Ikompli f'paġna 8

# Id-dramm tal-Passjoni: FUQ TRIQ L-IMSALLAB

















# imtella' mis-St.Philip's Pageant Group fl-2010 f'Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ















ikompli minn paġna 5

l-udjenza. Dan is-suċċess wassal ukoll biex is-SPPG ikun mistieden jagħti s-sehem tiegħu barra minn Ħaż-Żebbuġ, liema talbiet għadhom ġejjin s'issa. Dan grazzi wkoll għall-koperazzjoni kbira li teżisti mal-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira Għawdex fejn fl-aħħar sentejn il-grupp tagħna ħa sehem bi prominenza f'*L-Imsallab fit-Triqatna* li ttellgħet fil-Belt Victoria Għawdex. L-istess kollaborazzjoni wasslet biex konna mistiedna u għall-ewwel darba ħadna sehem fil-festival **GABBATHA** organizzat mis-Soċjetà Filarmonika La Vallette bir-rappreżentazzjoni tal-Passjoni mat-toroq ewlenin tal-Belt Kapitali fil-31 ta' Marzu 2010. Minbarra dan aħna u l-atturi tagħna dejjem tajna kull sehem rikjest fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-wirjiet li ssir fil-Każin San Filep billi minn sena għall-oħra tellajna xeni differenti.

Għal din s-sena is-SPPG ħass li ma kienx possibbli li jtella' dan id-dramm minħabba diversi raġunijiet fosthom l-ispejjeż u mpenji oħra li kellu - l-aktar bir-rappreżentazzjoni storika u spettakolari "**Jien Filippu"** li ttellgħet b'suċċess kbir f'Ottubru li għadda, fis-Sala Parrokkjali. Minkejja dan huwa l-ħsieb tagħna li dak li ma sarx din s-sena jsir is-sena d-dieħla. Għalhekk jekk intom interessati nistednukom tavviċinawna.

Ippermettuli li nsellem lil ħabib tagħna li dejjem għen u ta sehem sħiħ fid-dramm tal-Passjoni – kien jinterpreta l-karattru ta' Barabba. Qed nirreferi għal Ġużu Camilleri li ħafna kienu jsibuh bħala – "Ħabbata". Sfortunatament f'Jannar li għadda, ftit ġranet wara li kien ħa sehem magħna fix-xelter, Ġużu ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Għalhekk permezz ta' din il-kitba nsellmulek Ġuż u nirringrazzjawk tal-kontribut li tajt. Mingħajrek m'aħniex li konna.

**FREDDIE'S**

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa, żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals, sport shoes, minn ditti renomati, basktijiet ta' l-iskola, handbags u kartieri.

**Sciortino Street, Żebbuġ Tel: 2146 5915**

**FOOTWEAR**

# Alla, Aħfirli!

Ġorġ Saliba

*Din hija poeżija qawwija ħafna tat-tip imsejħa "personali," li tinkiteb, spontanjament, meta l-poeta jkun għaddej minn ċerti waqtiet ...*

Il-ħoss tal-marċ funebri
li smajt jindaqq illejla
bi tħejjija
għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira,
fakkarni reġa' l-ġrajja,
Alla tiegħi,
ta' IbneK il-Mislub!...

....Ftakart, Mulej, fil-maħfra
lil dawk illi sallbuH,
lil dawk li żebilħuH,
li dawk li wara mewtU,
wara l-maħfra,
f'sidrU reġgħu niffduH!...

....Lil min nifidli qalbi,
Alla tiegħi,
b'ilsienu sejf misnun.
.... lil min tbissim xirifli
ta' ħażen u tmejjil,
.... lil min bikkieni, fnieni
biż-żewġt uċuħ t'għemilu,
jien lest, jekk narah jaqa',
idi nnewwillu bilġri,
ngħinu jqum!...
Jien lest li nressaq spallti
ħa jserraħ tajjeb fuqha
jekk nilmħu għajjien jogħtor!...
Jien lest, kif naf, insabbru
jekk qed jibki,
u ninsa l-morr li sqieni
u kemm fnieni!...

Iżda, nistqarr, Mulejja,
li xħin nilmħu mill-bogħod,
b'rasu merfugħa 'l fuq,
b'dik it-tbissima ħajna,
lil sid l-ilsien
illi darabni bosta,
jiena nbarrih, naħarbu,
ma nsellimlux u nieqaf,
... nibqa' miexi,
għax għadni nibża' minnu!...

Jekk din tiegħi, mhix maħfra,
Alla tiegħi,
bħal t'IbneK il-Mislub
li wkoll wara maħfrietU
mill-ġdid safa midrub,
Alla, aħfirli dnubi!!




*Pastizzeria & Confectionery*

## Caterers for all Functions

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**

# Thewdin tal-Għolja

Joseph Bonnici

## *Il-Ħsieb tal-Poeżija*

*Din il-poeżija turi t-thewdin tal-moħħ ta' Ġesù fl-aħħar ftit sigħat ta' meta kien imsallab fuq il-Golgota. Fil-fatt fiha qiegħed jitwassal l-uġigħ tal-qalb ta' Ġesù taħt forma ta' djalogu bejnu u l-bniedem. Dan jintwera bit-tajjeb li għamel Ġesù mqabbel mal-ħażin li għamel il-bniedem u dan jinsab f'kull vers tal-poeżija. Fl-aħħar strofa Ġesù qiegħed ibassar billi jitkellem għalih innifsu fejn jgħid x'ġara minnu wara.*

Għax ħabib jien u int għadu?
Ħdejk kont u int mort fil-bogħod!
Ħwejjeġ ħadtli meta tajtek!
Għintek u fixkilt b'dal-mod.
Għax ħlaqtek bil-mewt ħallastni;
flok ħelu bil-morr qarrastni.

Ħabbejtek u sirt tobgħodni;
flok qimtni tajtni tgħajjir;
m'emmintnix u jien emmintek;
it-tgħanniq spiċċa tfajjir.
Neżżajtni; għalkemm libbistek;
żeblaħtni u b'ġieħ kebbistek.

Ġibtek padrun u jien is-serv;
ħfirtlek u bqajt iżżomm fik;
fdejtek b'xejn u bdiltni mal-flus;
jistħoqqli, mhux ħaqqni bik.
M'hemmx deni lilek imma ġid;
għamiltek ħaddiem, ukoll sid.
Ta' ġewwa kont mhux barrani;
int inħlist u jien inqbadt,
għax għabbejtni, waqt l-int tħaffift;
u li tajtek mhemmx l-intradt.
Jien fdajtek, lili tradejtni;
għalik qbiżt, imma ċedejtni.

Spiċċajt ħaruf fost l-iljuni;
b'mewt irqadt u qomt mill-ġdid,
kif kien imbassar u dan seħħ:
b'mitluf; sibtni f'Missier is-sid.
Fl-aħħar intlaqt u refgħuni;
mill-art; fis-sema, tefgħuni.

12-08-2010




Kristu Mislub
Matthias Grunewald - 1512-6





DIE ECKE STATIONERY

D.E.S

DIGIT ELECTRONIC SOLUTIONS

*Mons. M. Azzopardi Street, SIĠĠIEWI • Tel: 27/21463403*

*School Street, Safi • Tel: 27/21641149*

*E-mail: info@desmalta.com*

# Darba Qatlu lill-Ħallieq...
## Riflessjonijiet għall-Għid il-Kbir

Joe Flask

"Intom tafu b'dak li ġara fil-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija, wara li Ġwanni kien xandar il-magħmudija; tafu kif Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa, u kif dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien miegħu. U aħna xhud ta' dak kollu li hu għamel fl-art tal-Lhudija u f'Ġerusalemm. Tawh il-mewt u dendluh mal-għuda tas-Salib. Imma Alla qajmu mill-imwiet fit-tielet jum u għamel li hu jidher, mhux lil kulħadd, imma lix-xhieda li Alla għażel minn qabel, lilna, li miegħu kilna u xrobna wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet."(Atti 10, 37-41)

Din is-silta, meħuda mill-Atti tal-Appostli, li fl-opinjoni tiegħi hija stqarrija solenni tal-fidi li aħna għandu jkollna fi Kristu Rxoxt, indirettament, anki jekk forsi mhux daqstant, torbot mal-isem provokatorju li niżżilt f'ras din il-kitba. Bilfors, għalhekk, li fil-kuntest ta' dak li nkiteb fl-Atti tal-Appostli nistaqsi: X'ġara daqshekk gravi u assurd fid-dinja aktar minn elfejn sena ilu u x'inhu jiġri fid-dinja tal-lum? It-tweġiba hija sempliċi: qatlu lill-Awtur tal-ħajja (il-Ħallieq). Mhux daqstant sempliċi tispjega, kif dak li hemm rifless fis-silta tal-Iskrittura li kkwotajt, huwa wkoll mera ta' żminijietna.

Storikament nafu li Ġesù, kien ittradut minn Ġuda b'bewsa, espressjoni tipika ta' min iħobb. Iżda, il-bniedem, ċaħad l-imħabba vera, tant hu hekk, li Ġesù ġie arrestat mis-suldati, għax dak kien is-sinjal! Intrabat ma' kolonna u ngħata s-swat. Ġie mżeblaħ. Il-folla, ippreferiet lil Barabba: bniedem ta' qattagħni, ħalliel, qattiel, ħati ta' rewwixti, u saħqet ma' Pilatu biex il-ħażen jinħeles u jitħalla jimraħ bla rażan. Mhux hekk biss, il-folla, imxewxa u mgħaddba, infexxet titlob, b'għajjat li jtarrax, lill-Gvernatur Ruman, biex l-Iprem u l-Aqwa Ġid, jingħata l-mewt billi jiddendel fuq "l-għuda tas-Salib", l-iktar piena faħxija u degradanti ta' żmien ir-Rumani, u jindifen f'qabar. Dan l-atteġġjament, juri kemm il-bniedem ma setax jaqa' iktar fil-baxx minn hekk,



Rxoxt – Matthias Grunewald - 1512-6




VIDEOLINK

ŻEBBUĠ

DVD/ VIDEO PRODUCTIONS - Mobile No.: 7972 8969

- DVD tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ 2010
- DVD tal-Pageant "l-Aħħar li Waqgħu" 2010 miż-Żebbuġ Pageant Group
- DVD ta' l-inawgurazzjoni tar-restawrar tal-Faċċata tal-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ li saret nhar is-7 ta' Mejju 2010
- DVD tal-Praċett subien u bniet 2010
- DVD tal-Praċett u tal-Griżma tal-Isqof tas-snin ta' qabel.

Servizzi:

DVD għall kull okkazzjoni bħal tiġijiet, anniversarji, etc.

Noffru pariri u konsultazzjonijiet professjonali bla ħlas.



Ċempla fuq Mobile No.: 7972 8969

ipprefera li l-ħażin jirbaħ, u talab il-mewt tal-Iben ta' Alla. X'kuntrast! minn dawk li laqgħu lil Kristu u saru wlied Alla!

Mingħajr ma nidħol f'polemiki bla bżonn u mingħajr ma mmeri s-sewwa magħruf, naħseb li l-bniedem tat-tielet millenju reġa' nħakem mis-siegħa tad-dlamijiet, u qed jerġa' jħalli lix-xitan u l-alleati tiegħu jifirħu u jiċċelebraw ir-rebħa fuq il-ġid li għamel u li ħalla warajh Bin il-Bniedem. Inħolqu ċirkustanzi u sitwazzjonijiet li missew qalb il-Knisja u ferewha għall-mewt. Hemm min, anki jekk mhux dejjem ikun hemm provi ċari, ipprova, u għadu qed jipprova, ikabbar u joħloq sensazzjoni bid-dgħufija, umanament inevitabbli wkoll jekk gravi, ta' wħud mill-magħżulin (saċerdoti, reliġjużi rġiel/nisa, lajċi impenjati fil-Knisja...) bil-għan li jtappan jew idgħajjef il-qdusija kbira li minn dejjem urew dawn il-persuni f'iktar minn elfejn sena. Dawk li llum qed jippuntaw subgħajhom huma bħal dawk li ppuntaw subgħajhom u akkużaw lil Ġesù: fosthom dawk mill-iktar żelanti, mingħalihom qaddisin mexjin fl-art, imma ħallihom iqasqsu fuq kollox; ġurnalisti li jwarrbu l-aħbar u jippreferu s-sensazzjonaliżmu; l-internet (*Websites*, *Blogs*, *e-mails*...) f'kelma waħda, il-Barabba tal-lum li għadhom jippreferu lilu, ma jridux lil Ġesù f'ħajjithom. Infakkar biss li, Ġuda l-Iskarjota, it-traditur, wieħed mill-Appostli li Ġesù kien iħobb, kien wieħed mit-tnax!

Ma nistax, f'dan il-kuntest, ma nsemmix lil Marija ta' Magdala, il-mara msemmija għal dnubietha iżda wkoll għall-konverżjoni profonda tagħha wara l-laqgħa li kellha ma' Ġesù. Kienet l-ewwel persuna, u għaliex mara b'kuraġġ kbir, li l-għada tad-difna, filgħodu kmieni u kien għadu ma sebaħx, telqet minn darha, ħalliet lil kulħadd warajha u bl-akbar premura erħitilha lejn il-qabar fejn mingħaliha kien għad hemm fih, Ġesù, is-Sid maħbub tagħha. Kienet l-ewwel persuna li ntebħet bil-"blata mneħħija". Inkwetata, baqgħet barra u bdiet tibki. Ħin bla waqt lemħet żewġ Anġli f'tarf il-qabar li qalulha: "Mara, għalfejn qed tibki?" B'qalb muġugħa, hi wieġbet: "Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh." Karba ta' dwejjaq u ta' mħabba fl-istess ħin li baqgħet tidwi fl-istorja. L-Evanġelista jkompli: "Kif qalet hekk, daret lura u rat lil Ġesù wieqaf"(Ġw 20, 12-14). Tassew mara ffortunata! Kien xieraq li tkun hi l-ewwel persuna li tara lill-Irxoxt, għaliex hi kienet emmnet f'Ġesù u fil-ħniena divina tiegħu. Min illum ma jridx jaf bl-imħabba u bil-maħfra, huwa msieħeb fix-xirka ta' dawk li jippuntaw subgħajhom bla ħniena kontra l-proxxmu kollu u kontra l-istess Alla, għajn ta' kull ġid u tjieba.

Fid-dinja li qed ngħixu fiha, fis-soċjetà ta' madwarna, lanqas għall-Kurċifiss m'għad hemm post. Fi żmien Ġesù, li tissallab kienet l-agħar piena li wieħed seta' jingħata, is-soltu riservata għat-tradituri, u għalhekk is-salib, apparti s-sens ta' għajb, kien inissel biża'. Tgħid erġajna morna lura? Illum li ddendel Kurċifiss f'post pubbliku sar iqajjem skandlu, ixekkel "il-mixja tal-kultura, joffendi s-sentimenti reliġjużi eċċ." Il-qabar instab vojt, iva, iżda, il-Kelma ta' Alla, baqgħet u ssaħħet. Għaliex Kristu rxoxta, rebaħ il-mewt u ħeles lill-bniedem!

# Vanity Fare



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories

109, Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta
*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*



# Żebbuġ Video Rental

**Vjal il-Ħelsien Żebbuġ**
*Tel: 2146 8835*

No. 1 for new releases DVDs
We also have: telephones bombox, stereos, stereo systems, cd players, dvd players, hifi accessories and also coloured photocopy service.



# Jeff's Pastizzeria

F1, Triq il-Kbira, Żebbuġ ZBG 1309
**Mob: 9989 2821**

***Pastizzi • Pastizzi Tondi • Qassatat • Qassatat Inċova • Pizza Kwadra u Pizza Tonda • Timpana • Ross • Sausage Rolls • Meat, Chicken u Burger Pies • Ham & Cheese • Arancini • Quiche Lorraine • Ravjul u Għaġina eċċ***
Naċċettaw Ordnijiet għall-*Parties*.

# Riflessjonijiet fuq il-Jiem Imqaddsa ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira

Nutar Dr. Philip Ellul LL.B., Dip. N.P., LL.D.

Minħabba l-limitazzjonijiet umani tagħna, huwa tassew diffiċli li aħna jirnexxielna nimmeditaw daqshekk fil-fond fuq it-tbatija li ġarrab Sidna Ġesù Kristu fl-aħħar sigħat ta' ħajtu. Iżda jekk ngħixu tajjeb il-jiem li ġejjin, għandhom jitwieldu mill-ġdid f'qalbna dawn il-mistoqsijiet: Imma x'inhu s-sens veru tal-passjoni ta' Kristu? X'nifhmu meta aħna nistqarru li Kristu salvana b'mewtu fuq is-salib? Għaliex din ir-redenzjoni kellha sseħħ proprju b'dan il-mod?

## Ħamis ix-Xirka

F'Ħamis ix-Xirka jibda l-hekk imsejjaħ Tridu tal-Għid, li jwassalna proprju sal-Għid il-Kbir, l-akbar festa tal-Knisja Kattolika. F'dan il-jum infakkru t-twaqqif tal-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena. Ġesù ried iħallilna sinjal ħaj u tanġibbli biex juri li l-imħabba tiegħu għalina se tibqa' sal-aħħar taż-żmien. Waqt li Ġesù qasam il-ħobż u tah lid-dixxipli tiegħu, waqt li bierek il-kalċi bħala sinjal tal-Patt il-Ġdid u qassamulhom, wera biċ-ċar kemm Hu kien qiegħed jifhem x'kienet se tfisser mewtu fuq is-salib. Meta l-kbarat tal-Lhud arrestawh sabiex iressquh quddiem is-Sinedriju, Ġesù seta' waqqafhom jew seta' ħarab. Iżda m'għamilx hekk, għaliex ma riedx jabbanduna lid-dixxipli tiegħu, lil dawk li tant kien jgħallimhom dwar l-imħabba infinita ta' Alla. B'mewtu ried jurihom li hu baqa' jħobbhom anke meta sab ruħu wiċċ imb wiċċ mas-sitwazzjonijiet l-iżjed kiefra u estremi.

Meta nirċievu l-Ewkaristija f'kull ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, aħna nkunu qegħdin ingawdu wkoll mill-imħabba li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu matul ħajtu. Barra minn hekk, Ġesù ħasel riġlejn l-appostli wkoll bħala sinjal tal-imħabba tiegħu lejhom. Dan ir-ritwal, li jitwettaq mill-Prim Konċelebrant waqt kull funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka, jurina kemm Ġesù ħabbna lkoll b'mewtu fuq is-salib. Hu jitbaxxa quddiemna u jaħslilna riġlejna, filwaqt li jnaddafhom u jdewwihom mill-ġrieħi.

## Il-Ġimgħa l-Kbira

Il-jum tal-Ġimgħa l-Kbira huwa wieħed tabilħaqq partikulari. Ħafna Nsara jiċċelebrawh bħala jum ta' silenzju u riflessjoni. Oħrajn isumu jew jitrejqu biss b'xi ftit ħobż u ilma. Matul dan il-jum tiġi ċċelebrata l-liturġija tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-funzjoni tibda fil-ħin tat-tlieta ta' wara nofsinhar b'mument twil ta' silenzju, filwaqt li ċ-ċelebranti jintelqu mal-art wiċċhom 'l isfel għal tul ta' ħin quddiem l-altar. Dan il-ġest ifisser li aħna nistgħu biss nimmeditaw u nippruvaw nifhmu xi ftit mill-misteru tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib permezz tas-silenzju.


TIMBER & WOOD
PRODUCTS
CONSTRUCTION
EQUIPMENT
Cortis
TIMBER
Your Success is Our Aim!
ZEBBUG, Mdina Rd. Tel: 2146 1758/9 GUDJA, Tarxien Rd. Tel: 2169 7726
Fax: 2146 5894 Website: www.cortisgroup.com


SAN GIOVANNI ROTONDO
U PIETRELCINA
għall-*Birthday* ta' Padre Pio
23-26 TA' MEJJU 2011
ĊEMPLU LIL MOUSÙ TRAVEL SERVICES
21230301, 21440146 jew 99710266
Mistieden Speċjali
L-Arċisqof Mons. Pawl Cremona

Wara dan il-mument ta' skiet, jinqara r-rakkont tal-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù skont l-Evanġelista San Ġwann. Aħna ma noqogħdux nisimgħu dan ir-rakkont biex nammiraw lil Ġesù biss, imma biex nimmeditaw fih is-salvazzjoni sħiħa minn dnubietna. Matul ħajjitna ngħaddu, xi ftit jew wisq, mill-istess mumenti ta' niket u tbatija li għadda minnhom Ġesù qabilna. Inħossuna qisna priġunier imsakkar f'ċella mudlama, ikkundannati min-nies l-oħra; inħossu li ħadd ma jifhimna jew jagħdirna; inħossuna mweġġħin, feruti, minxura ma' salibna. Kollha kemm aħna rridu ngħixu l-mument tal-mewt, imma fl-istess ħin nafu li ġo fina teżisti saltna li mhix ta' din id-dinja; nafu li f'qalbna u madwarna hemm preżenza divina li fuqha din id-dinja m'għandix setgħa li taħkem. Dan kollu jagħtina l-fiduċja li ngħaddu, flimkien ma' Ġesù, fil-libertà u d-dinjità tagħna bħala xbieha ħajja tiegħu, mit-triq li twassal għall-glorja bla tmiem ta' Alla.

Wara li jintqalu t-talbiet ta' interċessjoni, li permezz tagħhom il-Knisja tinterċedi għall-bnedmin kollha tad-dinja, jasal il-mument li fih issir dik li tissejjaħ l-Adorazzjoni tas-Salib, li hija l-qofol tal-funzjoni f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Is-salib ma jiġix adorat bħala simbolu tat-tbatija, iżda bħala simbolu tas-salvazzjoni tagħna. Is-salib huwa s-sinjal li Ġesù Kristu refa' fuq spalltu l-kontradizzjoni tal-ħajja umana u bidilha fl-imħabba bla tarf tiegħu. Għalhekk quddiem is-salib inkantaw bil-ferħ għal din l-imħabba kbira li Alla wera magħna permezz ta' ibnu Ġesù: **"Naduraw, O Mulej, lil salibek; nagħtu ġieħ, nagħtu sebħ u foħrija lill-qawmien qaddis tiegħek għall-ħajja; għaliex permezz ta' salibek, il-ħolqien kollu mtela bil-hena."**




protection
for all your needs...
Untours Insurance
| Old Bakery Street, Valletta VLT 1450, Malta |
| Tel: 2122 3441 | Fax: 2124 3796 |
| email: insurance@untours.com.mt |
QIC I

# Il-Ġimgħa l-Kbira Matul iż-Żminijiet

Kitba ta' Peter Paul Ciantar fuq studju ta' John Bezzina

L-eqdem tifkiriet li għandna li jorbtuna mal-Ġimgħa l-Kbira jmorru lura għal żmien il-perjodu Ruman. F'arzella ċkejkna fil-katakombi tad-Dejr, fir-Rabat, u li kien jaħbat 'il barra mis-swar ta' żmien ir-Rumani, kien hemm affresk li jirrappreżenta l-kruċifissjoni. Taħt is-Salib naraw lid-Duluri u lill-Arkanġlu Gabriel fuq naħa, u lil San Ġwann u qaddisa oħra fuq ix-xaqliba l-oħra.

Fil-katakombi ta' ħdejn il-knisja tal-Lunzjata, fl-inħawi tas-Salini, instabu minquxa bosta slaleb, u l-istess fil-katakombi ta' Sant'Agata fir-Rabat. Fil-fatt, fil-katakombi kollha nstabu wkoll imsiebaħ bis-salib fuqhom.

Ta' min isemmi li filwaqt li t-Taljani dan il-jum jafuh bl-isem ta' *Venerdì Santo*, il-Ġimgħa Qaddisa, u fl-Ingilterra bl-isem ta' *Good Friday*, il-Ġimgħa t-Tajba, f'Malta dan il-jum nafuh bl-isem ta' *Il-Ġimgħa l-Kbira*, l-akbar Ġimgħa fost il-Ġimgħat kollha tas-sena. U dan bir-raġun, għaliex fl-imgħoddi fil-ġimgħat kollha tas-sena ma kienx jiswa laħam.

U kien San Girgor stess li ħeġġeġ lill-Maltin f'waħda mill-ittri tiegħu sabiex isumu nhar ta' Ġimgħa u jagħmlu purċissjonijiet. Għadna niftakru meta ħafna mhux talli ma kinux jieklu laħam nhar ta' Ġimgħa, talli kienu jsumu l-Ġimgħat kollha tas-sena. Minn dan naraw li sa miż-żminijiet l-aktar bikrija, il-Maltin kollha kellhom qima kbira lejn il-Ġimgħat kollha tas-sena, aħseb u ara għall-Ġimgħa l-Kbira nfisha.

U sa minn dejjem il-Maltin kienu jattendu bi ħġarhom għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha li l-Knisja kienet torganizza fil-knisja prinċipali tagħha, qabel l-Għarab u anki wara. Ara kemm hu hekk, meta l-Konti Ruġġieru ġie Malta fis-sena 1090, xi wħud mill-abitanti x'aktarx li kienu ta' nisel Biżantin. Jingħad li dawn marru jilqgħuh bis-slaleb tal-injam, friegħi taż-żebbuġ u tal-palm, u bl-għajjat ta' *Kyrie Eleison*. Huma marru jilqgħu lill-ħellies tagħhom bħalma l-Lhud u l-Appostli kienu laqgħu lil Kristu f'Ħadd il-Palm.

Hawn ta' min isemmi li sabiex titfakkar din il-ġrajja fl-imgħoddi, nhar Ħadd il-Palm il-Kapitlu tal-Imdina kien joħroġ ikanta l-passju ta' San Mattew fil-ġnien li nsibu quddiem l-Imdina, u, marbut mas-salib Normann li hemm, kien jitħalla s-salib tal-palm u taż-żebbuġ li jkun tbierek f'dak il-jum.

U kemm il-Maltin, anki fiż-Żminijiet tan-Nofs, kienu jiċċelebraw il-Ġimgħa l-Kbira tassew bil-kbir nisiltuh ukoll mill-fatt li ta' kull sena, il-viċi rè ta' Sqallija kien iħoss il-ħtieġa li jwissi lill-mexxejja Maltin sabiex jieħdu l-passi meħtieġa biex il-Lhud li kienu jgħixu fil-gżejjer tagħna ma jingħatawx fastidju matul iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, anzi li l-awtoritajiet kellhom jipproteġu lil-Lhud, sabiex il-Maltin ma jdejjquhomx fil-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira.

# Żebbuġ Stationers & Newsagents

*For all kinds of stationery, magazines, books, a large selection of greeting cards, toys, gifts, watches, lamination, photocopying service, digital printing, developing and printing of films and more ....*

**Sciortino Street, Żebbuġ • Tel . nos. 21466076, 21462545**

T' Emelda
Butcher Shop




**Isabelle Bezzina**

**Tel: +356 2746 6389**

T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ŻBG 2490

# CENTRE POINT STATIONERY



**Your perfect gifts for Easter, Mother's Day, Holy Communion Souvenirs and other special occasions.**

**We wish you a Happy Easter!**

Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ
Tel: 2146 1500





L-affresk li nstab fil-katakombi tad-Dejr fir-Rabat, Malta. Illum dan l-affresk qiegħed fil-Mużew tal-Fine Arts, il-Belt Valletta.

Ta' kull sena t-talba kienet tkun sabiex lil-Lhud ma jaħqruhomx bħal fl-imgħoddi. Dan juri li kienet saret drawwa li jippersegwitawhom, ħaġa li tixhed ukoll illi l-poplu Malti matul il-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira kien jinħakem minn sentimenti ferventi qawwija ħafna.

Rabta oħra mal-Ġimgħa l-Kbira, taż-Żmien Medjevali, hija ċ-ċangaturi, id-daqs ta' madum, li nstabu fil-faċċata medjovali tal-knisja ta' Sant'Agata fir-Rabat, li fuqhom hemm minquxa għadd ta' kurċifissi. Dawn żgur kienu għotjiet votivi, għotjiet li jixhdu li fl-imgħoddi l-kult lejn Kristu Msallab kien ferm aktar qawwi milli huwa llum, meta l-poplu Malti huwa fil-fatt aktar mitluf jagħmel wegħdiet lid-Duluri milli lil Kristu Msallab.

Mingħajr dubju ta' xejn, id-drawwa tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira hija drawwa antika; u aktarx li l-eqdem purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira hija dik tar-Rabat, li tieħu ħsiebha l-fratellanza ta' San Ġużepp. Mhux faċli li tgħid meta saret l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ… purċissjoni li llum tiġbed eluf u eluf ta' Maltin u barranin li jiġu jarawha.

Paul Woodworks
Prop. PAUL SCHEMBRI
Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta
Tel: 2146 6615

**ABRIGO**

*Caterers*

Paris Street, Żebbuġ
Sciortino Street, Żebbuġ
St Thomas Street, Floriana
**Phone: 2720 0797 / 7900 1864 / 7996 4993**

*Benjamina*
*Curtain Designs*

**Benjamina Attard**
**1, Saint Rocco Street,**
**Żebbuġ, Malta**
**Tel: 21 465810 Mob: 9982 9866**

**HABERDASHERY**

*Heading tapes differenti tal-purtieri, frenez, tie backs, pipings – kollox pariġġ eċċ…*

Noffri servizz ta':

a) Tagħlim ta' purtieri u pavaljuni
b) Tfassil ta' purtieri għal min jaf iħit
ċ) Ħjata ta' purtieri u pavaljuni



# It-Triq tas-Salib u tal-Qawmien
## Riflessjonijiet Dwar Il-Via Crucis
## Mill-Kardinal Joseph Ratzinger
(Illum Il-Papa Benedittu 16)

*maqluba għall-Malti minn Philip E. Said li għamel xi żidiet ħfief*

## It-Tielet Stazzjon: Is-Sofferenza Tal-Qaddej Tal-Mulej

**Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, milqut minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu. U bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. Aħna lkoll bħal ngħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll.** Mill-Ktieb tal-Profeta Isaija (53: 4-6)

## Riflessjoni

Fil-ħażen waqajna, u nkomplu jekk idek ma tkunx illi terfagħna
Sabiex tweżinna fit-triq imwiegħra u tieqaf magħna.
Fil-għelt ħassarna x-xbieha t'Alla fina u fi qlubna,
U fid-dnub għamilna karikatura tagħna nfusna.
Sirna bħar-raġel li waqa' f'idejn il-ħallelin,
Mitluq fit-triq bin-nies ġejjin, sejrin.
Il-waqgħa Tiegħek taħt toqol is-salib
Mhux biss il-waqgħa tal-bniedem Kristu
Mifluġ taħt id-daqqiet.
Ħafn'aktar minn hekk it-tifsira tagħha:
Għax Int, li m'għoddejtx il-kobor Tiegħek t'Alla,
Ilbist suritna msejkna, u ma stkerraħtx
L-umiljazzjoni tal-mewta tas-salib
Biex mill-waqgħa umiljanti Tiegħek
Dehret fil-milja tagħha t-tifsira ta' Ħajtek.
Fl-umiljazzjoni Tiegħek dehret il-qawwa tas-suppervja tagħna
Għax ħielsa rridu nkunu u bla ebda xkiel jew indħil magħna;
Sidien ta' ħajjitna nippretendu li nkunu, 'il bogħod mill-ħarsa Tiegħek.
Mill-qiegħ bla ġieħ ta' dis-suppervja refgħetna
L-umiltà qaddisa Tiegħek,

Mill-ġlieda kontra l-verità ħelsitna
Il-waqgħa Tiegħek sabiex mill-ġdid tħaddanna Miegħek.
Ħa nħalluk, Ġesù, tkompli teħlisna
Mis-suppervja tagħna, mill-ħsara personali,
Mill-illużjoni li tippersegwitana tal-indipendenza,
U l-ħsieb supperv tal-awto-suffiċjenza.
Ħa nitgħallmu mill-umiljzzjoni Tiegħek
Li biss meta nsibuk u f'ħutna narawk,
F'ħutna mġarrfa mal-art, miġruħa bit-tbatija,
Inkunu skoprejna tassew tal-ħajja s-sbuħija.

## Talba



Mulej, Ġesù, it-toqol ta' dnubietna, il-piż tas-suppervja tagħna waqqgħuk wiċċek mal-art. Iżda l-waqgħa Tiegħek mhix dgħufija, mhix traġedja. Bil-waqgħa Tiegħek, erfa' lilna, fiergħa u għajjiena! L-arroganza tagħna qed iġġegħelna naħsbu li aħna sirna kreaturi, li nistgħu noħolqu l-ħajja umana biex nagħmluha oġġett tan-negozju jew esperimentazzjoni. Sirna naħsbu li nistgħu nimmanipulaw il-ħajja, li nistgħu nirbħu l-mewt. Fir-realta', iżda, bis-suppervja t'għemilna m'aħniex ħlief inferu d-dinjità umana. Għinna, Mulej, inħallu s-suppervja li qed tkissirna. Għinna nħarsu lejn l-umiltà Tiegħek biex noħorġu mill-illużjoni li qiegħda taljenana mir-realtà ta' ħajjitna u Minnek.

## Ir-Raba' Stazzjon: Ġesù Jiltaqa' Ma' Ommu Marija

**Xmun berikhom u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel; se jkun sinjal li jmeruh, u int ukoll, - sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna". . . U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha**. Mill-Vanġelu ta' San Luqa (2,34-35; 51)

## Riflessjoni

Fi żmien il-ħajja Tiegħek pubblika, ħanin Ġesù,
Ma' ħafna ltqajt, lil bosta għallimt, sabbart, fejjaqt.
Ommok Marija dejjem fil-libertà ħallietek,
Tosserva biss mill-bogħod hi għażlet biex tikber Int

U Miegħek il-familja ta' dawk li riedu jew għażlu li jsegwuk.
Imm'issa, fil-ħin tal-mixja solenni, imgħobbi bis-salib,
Maġenbek resqet, takkumpanjak riedet Marija
Sabiex ma tħalli l-ebda dubju li ommok tassew kienet,
Omm li nisslitek f'qalbha safja, sinjal sagramentali
Qabel nisslitek f'tagħha l-ġuf qaddis u verġinali.
Ftakret bħalissa fi kliem ix-xwejjaħ Xmuni
Li sejf kellu lil qalbha mweġġgħa jinfed.
Għadda minn quddiem l-għajnejn ta' moħħha
Kliem il-profeti: li bħal ħaruf meħud għall-qatla,
Bla xejn ma jiftaħ fommu, kellu jittieħed il-magħżul Messija.
U quddiem dak li kien qiegħed iseħħ quddiemha
Lissnet f'qalbha kliem l-anġlu li kien wasslilha l-aħbar:
"La tibżax, Marija!" U emmnet għax hekk kien l-aħjar.
Ħarbu d-dixxipli mifxula, bil-biża' ġo qalbhom se tfur;
Hi biss baqgħet hemm, waħedha b'kuraġġ sod daqs is-sur,
Ta' veru Omm li temmen u qatt ma ċċedi li titlaq u tmur.
Imbierka int li sal-aħħar emmint,
Li wkoll fl-eqqel mumenti 'l Ibnek farraġt bla demgħa xerridt.
Tgħid dan Ibnek illum għadu jsib fina
L-istess kuraġġ u fidi, l-istess fehma u konvinzjoni
Biex bħalek nagħtuh dak is-sostenn u l-konsolazzjoni?!

## Talba

Qaddisa Marija, Omm il-Mulej Ġesù, int bqajt fidila sal-aħħar waqt li d-dixxipli ħarbu. Bħalma emmint il-messaġġ tal-anġlu - messaġġ li ma stajtx tifhem, li ħawdek u beżżgħek – li għad tkun l-omm tal-aktar għoli, hekk issa emmint fil-ħin tal-akbar umiljazzjoni. Kien proprju hawn, fl-aktar lejl mudlam, taħt is-salib tal-fidwa, li inti sirt omm il-bnedmin kollha, omm il-Knisja. Quddiem din il-fedeltà sħiħa tiegħek, din il-fidi li baqgħet ma battietx quddiem l-eħrex torturi, nitolbuk, Madonna, tgħallimna nemmnu: nemmnu mhux għax ma nistgħux nagħmlu mod ieħor jew għax hekk jaqblilna. Imma nemmnu għax nifhmu l-bżonn li nisimgħu l-kelma ta' Ibnek u nwettquha. Għallimna t-tama, mhux tama għamja, bla raġuni, bla direzzjoni, iżda tama attiva mibnija fuq fidi fil-ħelsien mill-mewt u d-dnub.



Għallimna l-kuraġġ, tip ta' kuraġġ produttiv, li juri solidarjetà ma' min qed ibati, li jissaraf f'servizz għal min iħossu bla kuraġġ. Għallimna nkunu sinjal ta' mħabba li jidher fl-għajnuna għal min jista' jkun għaddej minn xi tbatija.

## Il-Ħames Stazzjon: Iċ-Ċirinew Jgħin Lil Ġesù

**Huma u sejrin, sabu raġel minn Ċirene, jismu Xmun, u ġagħluh jerfagħlu s-salib (27, 32). Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, ħa jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja"** Mill-Vanġelu skont San Mattew (16, 24).

## Riflessjoni

Fi triqtu lejn daru, wara jum iebes ta' ħidma fl-għelieqi,
Jiltaqa' ċ-Ċirinew ma' nies miexja mbikkma f'purċissjoni
Ta' dawk ikkundannati għall-mewt b'kruċifissjoni.
Setgħet għalih kienet ġrajja tas-soltu,
Imma ma' ġrajja bħal dik ma ried qatt jieħu sogru.
Imġiegħel mis-suldati, dal-ġwejjed minn ġor-raba',
Kellu jġorr fuq spalltu għuda ta' wieħed minnhom
Ikkundannat minn min għad-demm kien mingħajr xaba'.
Kemm ħassu mbarazzat, nistħajjel, Xmuni
Li kellu bla ħsieb jaqsam dix-xorti ta' mistħija
U fuq qalbu jerfa' s-salib tal-istmerrija!
Laqgħa tal-biża', bla kienet mistennija,
Iżda laqgħa li minnha twieldu s-sliem, il-barka.
Jinnota dan San Mark l-evanġelista
Meta lil Ċirinew isemmi b'ismu, iħares ċass bil-ħrara
U miegħu liż-żewġt itfal uliedu ħelwa
Magħrufa minn kulħadd fost l-ewlenin Insara.
Fehem iċ-Ċirinew illi li timxi maġenb Ġesù
U taqsam it-toqol ta' salibu mhux diżunur iżda virtù
Messlu qalbu lil Xmun, u fis mill-biża' ħelsu.
Il-misteru tat-tbatija mas-silenzju ta' Ġesù
Fejjieda huma ta' kollha kemm hi l-umanità,
Iridu jaqsmu magħna sew it-tbatija kemm id-divinità.
Agħtina, Ġesù, kuraġġ biex inkomplu b'ħajjitna dak li jonqos fi tbatijietek,
Biddel fehmitna sabiex inkunu leħen għal min bla leħen, bla difiża;
Għenna magħhom naqsmu t-toqol ta' salibhom tqil u kiefer –
L-istess salib li ġarrejt Int, Mulej u Ħellies tagħna,
L-istess salib li jfejqilna l-ġrieħi, jaħfrilna ħtijietna u mill-għawġ isalvana.

## Talba



Mulej, Int ftaħt l-għajnejn ta' moħħ u qalb Xmun minn Ċirene biex jifhem li waqt li għenek iġġorr is-salib Tiegħek kont qed tagħtih il-grazzja tal-Fidi. Għinna, Mulej, biex aħna wkoll ngħinu 'l kull min naraw fil-bżonn, ukoll meta din l-għajnuna tkun se tindaħlilna fix-xewqat u l-pjanijiet tagħna. Għinna nirrealizzaw li hija grazzja li nkunu kapaċi naqsmu l-piż tas-salib tal-oħrajn, u li b'hekk inkunu mexjin Miegħek fil-vjaġġi tat-tbatija. Għallimna napprezzaw bil-ferħ il-fatt li kull meta naqsmu t-tbatijiet tad-dinja msawta bit-terroriżmu, bil-gwerer, bil-fundamentaliżmu, inkunu qed intaffu t-toqol tat-tbatijiet Tiegħek. Ipperswadina li waqt li naqsmu l-weġgħat differenti tal-umanità, u Tiegħek inkunu, bħaċ-Ċirinew, qaddejja tal-proġett tal-fidwa u bennejja tal-Ġisem Tiegħek, il-Knisja.

## Is-Sitt Stazzjon: Il-Veronika Tixxotta Wiċċ Ġesù

**Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh.** Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija (53, 2-3)

Qari mill-Ktieb tas-Salmi
(Salm 27, 8-9):

"Ejja," għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu";
Jien wiċċek infittex, Mulej.
La taħbix wiċċek minni,
La twarrabx bil-herra l-qaddej tiegħek.
Int l-għajnuna tiegħi;
Tħallinix u titlaqnix,
Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

## Riflessjoni

Marbuta mat-tradizzjoni orjentali tax-xbihat
Hemm il-Veronika – il-vera ikona—
Din mhux figura sempliċi jew simbolu astratt,
Imma ta' realtà divina tifsira u l-veru ritratt.

Tiġbor fiha l-Veronika x-xenqa universali
Ta’ nisa u rġiel, ta’ kbar u żgħar li ġew mal-mixja taż-żmien
Li l-wiċċ ta’ Kristu l-Messija u s-Salvatur jaraw x’imkien.
La l-biża’ tad-dixxipli, la l-kefrija tas-suldati
Ma żammewha lura li turi ħnientha, ukoll jekk dawn kienu armati.
Simbolu tassew tat-tbatija inkarnata
Ħalliet xbihet Kristu fina stampata.
Hi xbieha tal-bniedem li fil-għawġ u t-tentazzjoni
Bla biża’ jqum u jersaq ’il quddiem għal kull azzjoni.
Hi l-figura tal-kuraġġ li ma jħallix ’il moħħ jittappan jew ’il qalb titħawwad.
Imbierka int ma’ dawk ta’ qalbhom safja
Li ’l Alla għad jaraw u l-ferħ f’qalbhom isawwab.
Wara l-wiċċ ta’ Kristu imbenġel, bla sura
U b’ ħarstu mbikkija, bid-dmugħ tassew miksura
Rat il-Veronika wiċċ ieħor jiddi, jiddi, imsoffi mid-dmija:
Kien il-wiċċ awtentiku ta’ Kristu l-Messija.
Dan mhux xbieha, hu realtà ta’ Bniedem-Alla li jrid isalvana,
Li fit-triq tan-niket u l-qtigħ il-qalb irid jakkumpanjana.
Il-qalb safja biss tista’ tinfed il-qoxra li tidher sfigurata
U tara lil hinn minnha t-teżori kbar moħbija;
L-imħabba biss tista’ ddawwalna, issaffina
Biex nifhmu li wara l-ħarsa  miksura hemm fond bla qiegħ ta’ ħbiberija.
Kemm ninsew li wara l-vjolenza u l-abbuż tal-jeddijiet
Hemm id-dinjità tal-bniedem li tiżboq iż-żminijiet!

## Talba

Mulej, agħtina qalb ħerqana, bla sabar biex tfittex ’il wiċċek,
Eħlisna minn qalb iebsa, bl-insensittività mgħammda,
Li tara biss ta’ barra l-qoxra f’kull m’hemm madwarha.
Is-sempliċità, is-safa tal-qalb dejjem agħtina
Biex nagħrfu l-preżenza Tiegħek fid-dinja li ħlaqtilna.
Stampa wiċċek fuq qalbna, il-personalità Tiegħek
Fuq il-personalità tagħna biex Miegħek
Niltaqgħu fit-toroq kollha ta’ ħajjitna
Mnejn nistgħu nuru xbihetek lid-dinja
U mħabbtek ma’ kulħadd ixxerred il-ħniena.

## Is-Seba’ Stazzjon:   Ġesù Jaqa’ T-Tieni Darba

**Jiena l-bniedem li ġarrabt il-hemm taħt il-ħatar tal-qilla tiegħu.**
**Lili saqni u mexxieni fid-dlam bla ebda dawl  (3, 1-2)**
**Imbarrali t-triq b’ġebel minġur, għawwiġli mogħdijieti.  (9)**

**Taħanli biż-żrar snieni, u ġagħalni nitmiegħek fit-trab. (16)**
Qari mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet (3, 1-2; 9-16)

## Riflessjoni

Tliet waqgħat iebsa ġarrabt taħt toqol is-salib,
Waqgħat, iżda, li ġabu magħhom il-barka ta' Ħabib.
Fil-waqgħat tal-umanità mġarrfa jfakkruna
Sabiex jidħlu fl-istorja tagħna, jerfgħuna u jberkuna.
Għamliet differenti jieħdu l-waqgħat tagħna matul ġrajjietna:
Il-kobor tas-suppervja jew tal-preġudizzju l-għamad,
Ta' rabja u tpattija mżarrġa u inkontrollata,
Ta' relazzjonijiet u sess bla sens jew mingħajr għan użati,
Ta' logħob tal-azzard, użura, sustanzi abbużati,
Ta' regħba għall-żvilupp bla ħsieb tal-valuri ambjentali;
Waqgħat ta' meta nċedu għax ngħejjew fit-triq tal-Fidi
Jew meta nibdlu l-Persuna u l-messaġġ Tiegħek ta' mħabba
Ma' ideoloġiji politiċi li, fiergħa, maż-żmien jintemmu,
Meta nibdlu l-valuri eterni u universali mar-relativiżmu etiku,
Jew meta nagħżlu li mmexxu l-istorja bil-konfrontazzjoni
Minflok bil-prudenza tad-djalogu u l-konversazzjoni.
Mulej, b'wiċċek mat-trab tal-art, għal tliet darbiet
Qiegħed tinterpreta dawn tagħna l-eċċessi u l-perverżjonijiet.
Mulej, fil-waqgħat Tiegħek u l-waqgħat tagħna
Ħa niltaqgħu ma' ħarstek kollha tjieba u mogħdrija,
Ħa naraw u nifhmu dak li komuni hemm bejnietna.
Messilna 'l ġewwa ta' qalbna, ibqa' ħares biex tarana,
Fil-waqgħat għenna, u minnhom erġa' fis erfagħna.

## Talba



Sinjur Ġesù Kristu li assumejt il-forom differenti tal-waqgħat tagħna, erfagħna Int għax waħedna ma jirnexxilniex inqumu mit-trab tad-dgħufija. Eħlisna mill-irbit ta' kull għamla ta' passjoni bla raġuni li tjassarna. Biddel dik qalbna tal-ġebel f'qalb tal-laħam, qalb sensittiva li kapaċi tara, tisma' u tifhem.

Baxxi r-ras merfugħa ta' ideoloġiji żbaljati u dawwalna biex nagħrfu fihom ix-xibka ta' nofs veritajiet u gideb. Agħtina s-sens tas-serjetà u l-ħila tal-viġilanza biex

ngħassu u nirreżistu l-forzi tal-ħażen madwarna. Għinna nindunaw bil-ħtiġijiet tal-oħrajn - materjali, emozzjonali, spiritwali – u noħorġu pront idejna biex inwiżnuhom fil-waqgħat tad-dgħufija tagħhom. Erfagħna 'l fuq mill-qiegħ ta' dnubietna biex bħalek nerfgħu lil min jaqa' u ntuh mill-ġdid id-direzzjoni. Ibdel id-dlam tal-mogħdijiet tagħna bid-dawl tat-tama u l-fiduċja, u agħmilna strumenti effettivi sabiex nirriflettu id-dawl Tiegħek fis-soċjetà mifdija Minnek.

*Nota tal-editur: minħabba t-tul ta' dil-kitba, ġiet imqassma f'erba' partijiet li qed jidhru f'dan il-ktejjeb bejn is-snin 2010 u l-2013. Din hija t-tieni parti.*

JADE JEWELLERS
Żebbuġ

Fine Gold and Silver jewellery and latest trends at best prices.

254b, Main Street, Żebbuġ
Tel: 21463822
E-mail: onyxjew@onvol.net

**Express**
Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**

# Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira
## Kif tħares lejhom mil-lat reliġjuż, storiku, artistiku

Mons. Dun Lawrenz Mifsud

Sidna Ġesù Kristu, bir-raġun kollu huwa l-qofol u ċ-ċentru tal-Istorja, speċjalment waqt il-Passjoni, għalhekk, bir-raġun kollu, għandu jkun huwa wkoll iċ-ċentru u l-attrazzjoni prinċipali tal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira, li jfakkru l-mewt u l-qawmien tiegħu. Dan jixhduh l-arti u l-arkeoloġija li nibtu madwar il-figura u l-ħajja ta' Ġesu Bin Alla li sar bniedem bħalna. Jidher ukoll mill-fatt li l-knejjes tal-Ewropa u tista' tgħid tad-dinja, huma mimlijin bix-xbihat tiegħu meħudin mill-ħajja glorjuża tiegħu.

Anki r-riforma imsejħa IKONOKLASTA li riedet teqred kull xbiha qaddisa mill-knejjes tagħna, ma rnexxilhiex għal kollox. Irnexxiet sa ċertu punt fil-knejjes Protestanti, li rnexxilha tneżżagħhom minn tant xbihat artistiċi ta' Kristu, il-Madonna u l-qaddisin, u li wara mlew il-mużewijiet tal-Ewropa.

Minn żminijiet l-aktar bikrija, imsejħin tad-dlam, kif ukoll fiż-żminijiet tan-nofs dawk tar-rinaxximent (qawmien) u f'kull żmien ieħor, ix-xbiha ta' Kristu u tant episodji mill-Passjoni tiegħu mlew il-knejjes u l-mużewijiet tagħna.

Meta bdew isiru speċi ta' teatrini fit-toroq tal-Ewropa, imsejħin "*Mystery Plays*", l-interess kompla jikber aktar. Sa kemm naslu li anki hawn Malta, bil-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani, minħabba r-rabta tagħhom mal-Art Imqaddsa, fis-seklu sbatax kienu diġà daħħlu l-ewwel purċissjonijiet tal-Passjoni, u kienu huma li l-aktar xerrdu d-devozzjoni lejn ix-xbieha ta' Kristu msallab minħabba tant figuri sbieħ bħal dak li jinsab fil-knisja tagħhom ta' Ġieżu il-Belt.

Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li daħħlu l-Patrijiet Franġiskani, xterdu ma' Malta u Għawdex kollu. Is-sabiħa hi, li daħlu wkoll drawwiet marbutin mal-parroċċi differenti. Hekk, pereżempju fil-Birgu, għandna l-vari mlibbsin il-ħwejjeġ tad-drapp, fuq l-istil ta' Spanja. Xi parroċċi daħħlu l-varjetà ta' tant ward sabiħ li jżejjen il-vari bħalma jsir fi Sqallija u Spanja. Fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, għandna d-drawwa tax-xemgħat sbieħ u eleganti li jżejnu l-vari tagħna u nsibu dan ukoll fi Spanja. Daħlu wkoll il-persunaġġi mill-Iskrittura, u dan l-aħħar qed naraw ukoll tiżjin u bandalori fuq sfond iswed, mat-toroq u l-pjazez tagħna.

Ta' min jinnota wkoll li filwaqt li fil-bidu, kellna biss xi statwa waħda ta' Kristu, Kurċifiss, jew marbut mal-kolonna, jew inkurunat bix-xewk, mis-snin sittin 'l hawn żdiedu wkoll statwi oħra bħaċ-Ċena, Kristu u Pilatu u oħrajn.

Irrid insemmi wkoll l-użanzi ta' nies ħafjin iġorru l-ktajjen ma' saqajhom, nies

jakkompanjaw l-istatwi ta' Ġesù Redentur jew tad-Duluri u oħrajn, għax dawn ukoll huma parti mit-tradizzjoni tagħna Maltija, bħalma fi Spanja għandek issib diversi tradizzjonijiet ta' diversi pajjiżi fejn issib qtajja' kbar ta' nies li jerfgħu l-vari, oħrajn lebsin kostumi eleganti ta' drappjijiet fini u lussużi.

Niġu issa biex nagħtu r-risposta tagħna għall-mistoqsija : kif għandi nħares lejn il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira?

L-ewwel risposta hija li għandi nħares lejn il-figura ta' Kristu biex nara jekk hux Hu l-figura ċentrali. Irrid nara wkoll jekk fis-sett kollu tal-vari l-figura, speċjalment il-wiċċ hux dejjem l-istess, għax kultant ikollok uċuħ differenti, u dan jistona.

F'dawk il-parroċċi fejn il-figura ta' Kristu, speċjalment fix-xogħlijiet ta' Karlu Darmanin, fl-Isla, Bormla, jew ta' Camilleri Cauchi f'Raħal Ġdid, wieħed jara kemm huma isbaħ dawn il-vari kollha bl-istess figura ta' Kristu. Fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ naraw differenza, li hi naturali bejn il-wiċċ ta' Kristu fil-vari l-antiki u dawk li żdiedu dan l-aħħar.

It-tieni, inħares lejn il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u napprezza x-xogħol tal-bradelli, tal-brazzi, tal-ward, u tant dettalji oħra li jagħtu dehra karatteristika lill-vari tagħna. Importanti wkoll huwa l-fatt li qed jiżdiedu numru sabiħ ta' artisti żgħażagħ bħal Renzo Gauci minn Ħal Tarxien, it-tfal ta' Camilleri Cauchi, iż-Żebbuġin aħwa Magri u tant oħrajn, li b'ħila kbira qed ikomplu din it-tradizzjoni hekk sabiħa u qaddisa.

Fl-aħħar nett napprezza l-varjetà tal-istess suġġett f'parroċċi differenti. Pereżempju, Kristu fl-Ort, ġeneralment insibuh b'Anġlu wieħed, waqt li Bormla nsibuh bi tnejn. Ġeneralment Kristu nkurunat bix-xewk insibuh bilqiegħda, waqt li Karlu Darmanin fl-Isla u f'Bormla jagħmlu bilwieqfa. Ta' min jinnota li fil-Parroċċa tagħna Ħaż-Żebbuġ, Kristu marbut mal-kolonna jiġbed ħafna ammirazzjoni għax hu kompletament differenti minn ħafna Parroċċi.

Trid tagħraf ukoll liema vari huma miżjuda mas-sett oriġinali, li għal bosta snin kien magħmul hekk: Kristu fl-Ort, Kristu marbut mal-kolonna, inkurunat bix-xewk, mgħobbi bis-salib, il-Veronika, il-Vara l-Kbira, Kristu mejjet u d-Duluri. Mela, irrid inħares u napprezza l-Istorja, id-drawwa u l-istil ta' dawk l-istatwi marbutin mal-użanza tal-pajjiż tagħhom u l-istil ta' min ħadimhom.

Napprezza x-xogħol artistiku tal-istatwi u dak li għamilhom, bħal pereżempju statwi ta' Karlu Darmanin, tal-aħwa Camilleri Cauchi, Cremona u oħrajn anki żgħażagħ fi żmienna, li qed isebbħu l-istatwi li diġà jeżistu b'xogħlijiet moderni tagħhom.

Fuq kollox irrid nagħlaq billi nappella ħafna, li l-vari fil-knejjes, il-purċissjoni u tant affarijiet oħrajn marbutin mal-Ġimgħa l-Kbira **qatt** ma għandhom jieħdu l-importanza li għandna nagħtu liċ-ċelebrazzjonijiet tal-funzjonijiet fil-knejjes tagħna, għax bihom l-ewwel nett ningħaqdu ma' Kristu f'dawn il-mumenti tal-passjoni, il-mewt u li wasslu għall-qawmien tiegħu għall-ħajja.

Nawguralkom l-Għid it-Tajjeb.



Il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fis-snin tletin tas-seklu 20. Dak iż-żmien din il-purċissjoni kellha żewġ rotot, it-tnejn differenti minn tal-lum li kienet issegwi waħda kull sena. Waħda kienet tgħaddi minn Triq il-Parroċċa, Ebona, San Ġużepp, Madonna tad-Dawl, Tal-Anġli u Triq il-Kbira. L-oħra kienet tieħu minn Triq Sant' Antnin, Mamo, Santu Rokku u Triq il-Kbira.



# L-Arti Sagra tal-Kurċifiss

Philip Agius

L-arti sagra ħarġet mid-devozzjoni. Id-devozzjoni lejn il-Kurċifiss bdiet minn fuq il-Golgota stess. Waqt l-agunija ta' Kristu, wieħed miż-żewġ ħallelin kkundannati miegħu u msallbin wieħed kull naħa tiegħu, qallu, "Ftakar fija meta tidħol fis-Saltna Tiegħek." U Ġesù wieġbu "Tassew ngħidlek illum tkun fil-Ġenna miegħi."

Dan jidher miktub fl-Evanġelju ta' San Luqa, bħalma jidhru wkoll dawn il-vrus li ġejjin. Kif Ġesù miet, 'iċ-ċenturjun meta ra x'ġara, beda jfaħħar lil Alla u jgħid, "Kien tassew bniedem ġust dan ir-raġel." Wara li l-appostli rċivew l-Ispirtu s-Santu u ħarġu jipprietkaw, San Pietru fuq quddiem nett ħareġ ixandar il-mewt fuq is-salib u l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù Kristu.

Dan ifisser li fost l-ewwel Insara nżergħu ġo fihom it-tifkiriet ħajjin tal-misteri tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. B'hekk il-poplu ta' kull żmien żamm wisq għal qalbu dawn it-tifkiriet għeżież. Mal-mogħdija taż-żmien bdew jinbnew il-knejjes. Fdalijiet antiki li jmorru lura sa żmien ir-Rumani għadhom juru f'xi waħda mill-faċċati mġarrfin tagħhom traċċi ta' affreski bil-figura ta' Ġesù mislub. Dan juri li baqgħet tixgħel u tikber id-devozzjoni lejn il-Kurċifiss.

Maż-żmien beda jsir salib b'injam ċatt bħat-twavel li fuqhom jitpinġa l-korp qaddis ta' Kristu. Fost l-artisti bdew jidħlu ideat li kienu jinfluwenzaw ix-xogħol tagħhom. Hekk maż-żmien daħlet dik l-hekk imsejħa "arti Realistika" fejn il-figura kienet tiġi skolpita minn xi zokk ta' siġra u murija b'mod li min iħares lejha jara bniedem ibati tassew. Ir-riżultat kien li l-kurċifissi bdew jiġbdu lejhom devozzjoni qawwija. Wara ħafna snin l-arti Realistika bdiet titlef il-popolarità u postha bdiet tieħdu l-arti Barokka. F'din it-tip ta' arti, fil-kurċifiss minflok it-tbatija fiżika li bata Ġesù bdiet tispikka l-qawwa setgħana t'Alla bħala sultan tal-martri, rebbieħ fuq il-mewt.

Mal-milja taż-żmien il-mentalità kompliet tinbidel u fost l-artisti saret moda l-arti Moderna. Il-bnedmin bħal donnhom ma ridux min ifakkarhom fis-sagrifiċċju. Għalhekk jistennew li l-arti Kontemporanja taħbi t-tbatija. Dan huwa kontradittorju għax avolja nippruvaw ma naħsbux fuq it-tbatija, f'kulma nagħmlu, niksbu s-suċċess mixtieq biss bis-sagrifiċċji.

L-arti Sagra matul iż-żmien ħolqot bosta teżori li għadhom iżejnu l-knejjes Insara. Opri li jagħmluna kburin u waqt li jagħtu xhieda ta' twemmin ħaj ipaxxu għal dejjem lil min jarahom.




ELOUNI TRADING



ELOUNI TRADING

51, Elouni. Triq il-Qamħ, Żebbuġ ZBG 1753
Tel/Fax: **21 464 183** Mob: **99 885 267**

# Il-Ġimgħa Mqaddsa 2011

Victor Scerri

Reġa' wasal iż-żmien tat-tifkira. X'tifkira ser nerġgħu niftakru? Xejn għajr it-tifkira li ftakarna sena ilu, is-sena ta' qabilha u s-snin ta' qabilhom. It-tifkira tal-ġrajja tat-tbatija ta' Sidna Ġesù Kristu biex permezz tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-Mewt Tiegħu, aħna nissaffew minn ħtijietna. M'hemmx imħabba akbar minn din. U Ġesù ħabbna tabilħaqq.

Għalkemm, il-parti l-kbira ta' din il-ġrajja hija testimonjanza traġika, l-element pożittiv tagħha jinsa l-altruwiżmu tal-istess Iben Divin, illi, lil hinn minn dak kollu li kien jagħmlu Alla – huwa umanizza lilu nnifsu, u fuqu ġarr ir-responsabbilitajiet ta' ħtijietna, mingħajr protesti, anzi b'dimostrazzjoni favoluża ta' rassenjazzjoni, imħabba u santità.

Jekk nirriflettu biss fuq din l-imħabba, nippruvaw ma nidinbu qatt iżjed. Imma aħna bnedmin u dgħufija. L-ispirtu iva jrid, imma l-ġisem dgħajjef. Madankollu, din id-djgħufija tal-ġisem, qatt m'għandha tkun skuża komda biex nagħmlu li jfettlilna, imbagħad meta niġu f'salib it-toroq noħorġu din il-karta tal-ġisem dgħajjef. Ħilitna rridu nagħmluha.

Il-Ġimgħa l-Kbira 2011, tkun ġiet għalxejn jekk ma nirriflettux fuq din l-imħabba ta' Ġesù għalina. Ma jfissirx illi mill-għada tagħha ser noħorġu bir-raġġiera fuq rasna. Imma ma nippretendux li noħroġu agħar milli bdejna. Jekk nagħrfu dan il-messaġġ inkunu rnexxejna f'li ħallejna din it-tifkira tibdilna. Naturalment għat-tajjeb. Kif irid Alla l-imbierek.

Imma rridu nintelqu f'idejh. Mhux pasturi biss. Mhux statwi biss. Mhux vari biss. Devozzjoni mill-qalb. Talb ġenwin. Att ta' karità. Sagrifiċċju. X'sar minn din it-tifsira llum? Għaliex kważi ħadd ma jrid isofri xi daqsxejn? Għaliex ħlief il-kumdità ma togħġobniex? Fejn huma l-valuri Insara li kellna lbieraħ? Fejn intilfu llum? Fejn tlifnihom?

Mhux għax Alla jridna nbatu. Alla ma jridniex nissallbu u ninbarxu u ningirfu. Ma jridniex naqgħu tliet darbiet għal wiċċna b'salib daqsiex fuq spallejna. Il-ħażin u l-qerq u l-uġigħ tat-tbatija mid-dnub, ma jġibhomx Alla. Dawn inġibuhom b'idejna, aħna stess. Għax qalbna kesħet. Għax rasna bbieset. Il-Ġimgħa l-Kbira 2011, sejra ssaffina minn dawn in-nuqqasijiet?

Sinċerament ma nafx. Li nafu hu, li l-Ġimgħa Mqaddsa 2011, tista' ttejjibna bil-kbir. Kif? Billi nattendu l-quddies u nifhmu x'qed jintqal. Mhux moħħna f'ta' warajna. Mhux ħsiebna f'ta quddiemna u f'ta' maġenbna. Mhux is-saċerdot qed jaqra l-Passjsu u aħna moħħna x'tela' lottu jew x'qal dak u l-ieħor f'dak il-każin. Jew x'riżultat spiċċat bih il-partita futbol tal-bieraħ.

Tech Zone



The Solution for your Computer System
• Computer On Site Repairs, Sales and Upgrades
• Software, POS
• Networks / Telephone Systems (PABX)
• Intercoms / CCTV / Alarms

**Individual Care and Attention**

*We Accept Student Smart Card*

Mob: 9942 2481 Tel: 2146 1696 Fax: 2333 1191
E-mail: sandro@techzonemt.com



**Every day 200,000 people leave the countryside for the city.**
Discover a world of opportunities.

HSBC
The world's local bank

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT1444

Jekk ikollna moħħ imxerred, m'għandniex għax naħsbu iktar. Inkunu ma nbdilniex. Il-Ġimgħa Mqaddsa 2011, tkun ġiet għalxejn. Ma tkun ħalliet l-ebda effett fuqna. Ma tkun installat l-ebda riforma f'qalbna. Tkun festa oħra ta' ġurnata *leave* mix-xogħol jew jum ieħor biex dħalna sal-Belt jew morna f'xi raħal. Tkun Ġimgħa Mqaddsa tal-karamelli tal-ħarrub biss.

Waslet tifkira oħra,
Tifkira tat-tbatija,
Li minna għadda Kristu.
Ta' meta xerred demmu,
Ta' meta qala' s-swat,
Ta' meta safa' mżeblaħ,
U mwarrab mill-kbarat.

Imm' huwa baqa' jobdi,
Imm' Hu ma pprotestax,
Imm'Hu ġarrab fil-ħemda,
Baqa' ma rritaljax.

Għax ħabbna b'qalbu kollha,
Hu obda' lill-Missier,
Fuq l-għuda ħalla ħajtu,
Imm' għaliex kien sinċier.

F'kulm'għamel, qal u sawwar,
Lill-mewt Ġesù rebħilha,
U qam bir-Ruħ u l-Ġisem,
Lid-dinja ried jibdilha.

Iżda did-dinja nbidlet?
Aktarx li ma nbidlitx,
Minn Ħajjet l-Iben t'Alla,
Jidhirli ma tgħallmitx.

Il-għaliex għadha ssaltan,
Mibegħda mingħajr qies,
Ġlied, għira, piki, faqar,
Mard jiġri qalb in-nies.

Dan mhux għax Kristu falla,
Għax Hu ġab il-Ħelsien,
Imm' aħn' għażilna l-jasar,
Fallejna int u jien.

Madankollu t-tama,
Tibqa' tipprovokana,
Fis-sabiħ kollu tagħha,
Ninbidlu fil-qalb tagħna,

U nerġgħu nersqu qribu,
Għax qribu biss is-sliem,
M'hemmx għalfejn tħares lura,
Ħarstek żommha 'l quddiem.

Allura, l-element tanġibbli ta' tama, għandu jirrisplendi fina bħala Insara Kattoliċi, biex anki ħajjitna, ma tibqax fin-niżla li diżgrazzjatament tinsab fiha, u dan mhux qiegħed nittestwalizzah biex niddramatizza l-ħajja kontemporanja, għaliex tajjeb hemm, pożittiv hawn kemm trid, imma mqar il-pożittiv, qisna iddistanzjajnieh sewwa minn Alla, u hawn ifiġġ is-saram kollu.

Għad hemm tama? Dan żgur li għad hemm!!! It-tama l-aħħar li tintemm. U tintemm jekk irriduha aħna. Nersqu lejn id-dawl. U d-dawl min hu? U d-dawl x'inhu? Id-dawl huwa Alla l-Imbierek li Sidna Ġesù Kristu jmexxina lejh jekk ninfetħu għalih. Din il-Ġimgħa l-Kbira jew il-Ġimgħa Mqaddsa (sejħilha li trid) tista' tfejjqek. Tista' tagħmlek ħafna aħjar milli int.

Lil hinn minn ħafna mutetti żejda, minn ħafna teatrini, minn ħafna ipokresija

Ikompli f'paġna 45


WB
White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com



Minn din is-sena, dan iċ-ċenaklu beda jintrama f'kantina antika fis-sotterran tal-Każin Banda San Filep.




aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 28926

BOV
Bank of Valletta











Inkwatri alto-rifjev maħduma minn Antonio Mifsud apposta għax-xelter tal-Każin Banda San Filep fejn huma għall-wiri.

Ikompli minn paġna 41

moħbija taħt ruxxmata kliem tqil li ma jifhmu ħadd, inti taf li għandek ruħ u li trid tibża' għas-safa tagħha jekk trid issalva. Ħallik milli trid tingħoġob mal-kesħin. Għallimhom lill-kesħin, ħobbhom imma tħobbx il-ksuħat tagħhom. Jekk imbagħad jibqgħu jippersistu fi dnubhom, affarihom.

Il-kontijiet jaslu u rridu nħallsuhom. U l-kontijiet quddiem Alla l-Imbierek, m'hemmx ċajt magħhom. Il-Ġimgħa Mqaddsa 2011, bħal ta' qabilha, trid iddaħħalna f'qoxritna. Irridu nitolbu l-għajnuna jekk waħidna nħossu li ma naslux. U min jista' jgħinna aħjar minn Alla l-Imbierek?! Niftakru kemm ħabbna biex bagħtilna lil Ibnu l-Maħbub biex għalina jiżvina. M'għandniex inkunu daqstant bla qalb illi dak id-demm kollu li xerred għalina Ġesù, jkun qisu xerrdu għalxejn. Kulma rridu sforz ġenwin. M'għandniex għalfejn nistħu li aħna Kattoliċi. Li aħna Insara. Li aħna għadna iva nemmnu niċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa. Li għadna nattendu l-purċissjonijiet. Li għadna nammiraw id-Dramm tal-Passjoni.

Il-Ġimgħa Mqaddsa 2011 tista' tibdilna. Il-bidla trid tibda minna nfusna. Jalla wara t-tifkira solenni tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, ħajjitna tkun verament ħajja aħjar, ħajja awtentika ta' Kattoliċi Insara ta' veru li kapaċi nipprattikaw u nirrealizzaw tassew dak li ngħidu li nemmnu.



















Uħud mis-sett ta' vari żgħar artistiċi li huma għall-wiri fil-Każin Banda San Filep.



Żewġ wirjiet bi statwi kbar li jinsabu għall-wiri fil-każin Banda San Filep.



# Akkwista tifkira dejjiema fuq DVD

- Tal-Ġimgħa Mqaddsa
- Tal-Milied Malti
- Tal-Festa ta' San Filep
- Tal-Musical "Ir-Rebbieħ"
- Tal-Lejla Mużiko-Letterarja f'Ġieħ Dun Karm Psaila

Issibuhom mill-Għaqda Każin Banda San Filep,
12, Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ.

*Issib ukoll għażla kbira ta' Marċi Funebri u Marċi Brijużi irrekordjati fuq CD mill-Banda San Filep.*




Best Print Ltd, Qrendi


ATTRANS
Established 1976
INTERNATIONAL TRANSPORT
ATTRANS
Malta Office
Attrans Ltd
Attrans Depot, Mdina Road
Zebbug, Malta
Tel : +356 22585500
Fax : +356 21465675
Email : info@attrans.com
Benelux Office
Attrans B.V.
Kelvinring 24, 2952BG Alblasserdam
The Netherlands
Tel : + 31 78 6920820
Fax : + 31 78 6920829
Email : info.nl@attrans.com



MUŻIKA • ŻFIN • ARTI • KULTURA
• SPORT • IKEL • XORB • DIVERTIMENT
NightFEST
@Ħaż-Żebbuġ
Is-Sibt, 14 ta' Mejju 2011
mis-7.00 pm 'l-quddiem
Trasformazzjoni ta'
Ħaż-Żebbuġ f'Belt Medjevali
THE PINK FLOYD
EXPERIENCE
DUTCH FLOYD
LIVE F'MISRAĦ SAN FILEP